MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1723/2003

**Wasim Abdelbagi**

**vs**

**Zinon Mahmoud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta', Settembru 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) rappresentanti valur ta' xoghol ta' dawl u ilma gewwa tas-Sliema u Wied il-Ghajn ezegwiti mill-attur fuq ordni tal-konvenut matul is-sena 2003, liema xoghol baqa' ma thallasx.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja datata 7 ta' Awissu 2003 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta'l-avviz kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta' April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300), bl-imghax legali mit-2 ta' Settembru 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------